



Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal
It-Tieni Konsultazzjoni

ID-DEMOKRAZIJA TAGĦNA, IL-VUĊI TAGĦNA

Sommarju ta' dak li qalu t-tfal

Marzu - Mejju 2024

X'INHU L-ISKOP?

Id-demokrazija t'fisser li kulħadd, inklużi t-tfal, jista' jkollu vuċi fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom ħajjithom. Bejn Marzu u Mejju 2024, tfal minn madwar l-Unjoni Ewropea kollha qasmu l-ħsbijiet tagħhom dwar kif id-demokrazija taħdem għalihom.



Irridu nkunu fl-ispazji kollha fejn jitfasslu politiki li jaffettwawna direttament.

-Minorenni fi Spanja

X'QALU T-TFAL?

POSTIJET SIKURI U INKLUŻIVI

Dak li qalu l-minorenni

- Il-minorenni jifhmu l-parteciċpazzjoni demokratika bħala li jkunu infurmati, mismugħa, u kapaċi jivvutaw.
- Hemm aktar opportunitajiet fil-bliet milli fil-kampanja.
- Minorenni akbar fl-età jhossuom aktar motivati biex jipparteċipaw minn tfal iżgħar.
- Ma tingħatax biżżejjed kunsiderazzjoni fil-livell nazzjonali/tal-UE (aktar fil-livell lokali).

Dak li jridu l-minorenni

- Li jiġu mistiedna aktar biex jipparteċipaw fi spazji għall-adulti jew jikkontribwixxu għalihom bħal kunsilli lokali, nazzjonali u tal-UE fejn jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwawhom direttament
- Spazji sikuri fejn il-minorenni jhossuom inklużi, aċċettati u jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom liberament biex jagħmlu differenza fi kwistjonijiet importanti bħad-diskriminazzjoni u l-għajjnuna lill-komunitajiet tagħhom.
- Adulti li jgħinu u jiggwidaw lill-minorenni biex jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet.



Spazji Sikuri Online

Pjattaformi fejn il-minorenni jistgħu jiddiskutu l-problemi tagħhom b'mod sikur u jfittxu parir mill-pari u l-professjonisti.



Bħalissa ma hemm l-ebda klabb tad-dibattitu fil-belt tiegħi, iżda qed naħdem b'mod attiv fuq din il-kwistjoni biex nagħmilha realtà. Meta għext fil-belt, kont membru tal-klabb tad-dibattitu.

-Minorenni mil-Litwanja

MIN IPPARTEĊIPA?



1 921 minorenni minn 23 pajjiż tal-UE wieġbu mistoqsijiet dwar l-esperjenzi u l-ideat tagħhom dwar id-demokrazija fi stħarriġ online.



28 minorenni u 3 attivisti żgħażaġħ hađu sehem f'intervisti.



122 minorenni ddiskutew is-suġġett fi gruppi fokali



Il-Panel tal-Pjattaforma tal-Minorenni ta parir dwar is-suġġetti tal-istħarriġ

INFLUENZJAR TAD-DEĊIŻJONIJIET

Dak li qalu l-minorenni

- Il-minorenni jieħdu ħsieb li jinfluenzaw deċiżjonijiet li jolqtu direttament ħajjithom bħar-regoli tal-iskola u l-attivitajiet tal-komunità lokali.

Dak li jridu l-minorenni

- Biex il-minorenni jkunu jistgħu jgħinu joħolqu regoli tal-iskola, jagħżlu d-dati tal-eżamijiet, u jsibu modi kif iwaqqfu l-bullying.
- Biex jiksbu feedback dwar l-ideat tagħhom.
- Biex ikunu jafu jekk u kif l-adulti jużaw l-ideat tal-minorenni, x'jiġri bil-proposti tagħhom u r-riżultati tal-parteċipazzjoni tagħhom.



Proġetti Ambjentali

Il-minorenni jridu li l-iskejjel u l-komunitajiet jorganizzaw aktar proġetti li jiffukaw fuq is-sostenibbiltà u l-protezzjoni tal-ambjent.

IL-KISBA TA' INFORMAZZJONI

Dak li qalu l-minorenni

- Il-minorenni jiksbu informazzjoni mill-familja, il-ħbieb, l-iskola, il-midja soċjali, u l-internet.
- Il-minorenni jixtiequ jiksbu informazzjoni qabel ma jieħdu sehem f'attivitajiet sabiex ikunu jistgħu jfejju ruħhom u jkunu lesti.
- Il-minorenni jafu dwar il-miżinformazzjoni u jixtiequ jgħinu fil-ġlieda kontra.

Dak li jridu l-minorenni

- Biex ikunu jafu aktar dwar l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni demokratika permezz tal-iskejjel, il-midja soċjali, u l-gruppi tal-komunità.
- L-iskejjel għandu jkollhom rwol akbar fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni demokratika.
- Informazzjoni aċċessibbli, ċara u adattata għall-minorenni.
- Biex jitgħalmu aktar dwar l-aħbarijiet foloz u kif il-minorenni u l-adulti jistgħu jittrattawhom, pereżempju kif jiċċekkjaw l-informazzjoni u jużaw sorsi fdati.
- L-adulti għandhom jieqfu jxerrdu aħbarijiet foloz u minflok jikkellmu dwar kemm huwa importanti li tiġi miġġielda l-miżinformazzjoni.



... meta inti toħloq kanzunetta, programm televiżiv jew vidjo online, tista' tinforma lill-minorenni dwar kif toħloq dinja aħjar flimkien.

-Criança holandesa

VOTAZZJONI

Dak li qalu l-minorenni

- Xi minorenni jridu jbaxxu l-età tal-votazzjoni filwaqt li oħrajn mhumiex ċerti jekk il-minorenni humiex maturi biżżejjed b'informazzjoni biżżejjed biex jivvutaw.
- It-tagħlim dwar id-demokrazija fl-iskejjel huwa importanti biex isiru għażliet għaqlin meta ssir il-votazzjoni.
- Il-minorenni jeħtieġu aktar informazzjoni u inkoraġġiment biex jipparteċipaw fid-demokrazija.

Dak li jridu l-minorenni

- Biex jikkellmu aktar dwar id-demokrazija fl-iskejjel.
- Aktar edukazzjoni dwar il-votazzjoni, id-demokrazija, l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-proċessi politiċi minn età bikrija.
- Li jiġu mħeġġa jissieħbu fit-teħid tad-deċiżjonijiet billi jintwera x'jistgħu jitgħallmu u jiggwadanjaw il-minorenni billi jieħdu sehem fid-demokrazija.



Il-Parlamenti tal-Iskejjel

Ħafna minorenni issuġġerew li jkun hemm kunsilli tal-istudenti jew parlamenti fejn jistgħu jiddiskutu u jivvutaw dwar kwistjonijiet skolastiċi.



L-aħjar ħaġa dwar il-petizzjoni tal-kunsill tal-istudent kienet kif l-għalliema bdew jifhmuna, jinkoraġixxu l-ideat tagħna u kif l-ilħna tagħna finalment instemgħu.

-Grupp fokali mill-Ungerija



#EUChildParticipation